

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1333****tal-11 ta' Lulju 2017****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, fir-rigward ta' Saint Vincent u l-Grenadini**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

## 1. INTRODUZZJONI U PROCĊEDURA

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 (ir-"Regolament IUU") jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ("IUU").
- (2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament IUU jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, id-démarches fir-rigward ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, it-tneħħija mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx, il-pubbliċità tal-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx u kull miżura ta' emerġenza.
- (3) Fl-24 ta' Marzu 2014 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE <sup>(2)</sup> li stabbilixxiet lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament IUU.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament IUU, permezz tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ("id-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014") <sup>(3)</sup>, il-Kummissjoni nnotifikat lil Saint Vincent u l-Grenadini dwar il-possibbiltà li jiġi identifikat bħala pajjiż li l-Kummissjoni tqis bħala pajjiż terz li ma jikkooperax.
- (5) Fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni inkludiet l-informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom hija bbażata din l-identifikazzjoni possibbli.
- (6) Id-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ġiet notifikata lil Saint Vincent u l-Grenadini flimkien ma' ittra bl-istess data li fiha huwa ssuġġerit li Saint Vincent u l-Grenadini jimplementa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, pjan ta' azzjoni biex in-nuqqasijiet identifikati jiġu rettifikati.
- (7) Il-Kummissjoni stiednet lil Saint Vincent u l-Grenadini b'mod partikolari biex: (i) jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet inklużi fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit mill-Kummissjoni; (ii) jivvaluta l-implimentazzjoni ta' dawk l-azzjonijiet; u (iii) kull sitt xhur jibgħat rapport dettaljat lill-Kummissjoni li jivvaluta l-implimentazzjoni ta' kull waħda minn dawk l-azzjonijiet fir-rigward, *inter alia*, tal-effettività individwali u/jew kumplessiva tagħha sabiex tiġi żgurata sistema ta' kontroll tas-sajd li hija konformi b'mod sħiħ.

<sup>(1)</sup> ĠUL 286, 29.10.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/170/UE tal-24 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 43).

<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar in-notifika lil pajjiż terz li l-Kummissjoni tqis li dan jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 453, 17.12.2014, p. 5).

- (8) Saint Vincent u l-Grenadini ngħata l-oppurtunità li jwieġeb bil-miktub u bil-fomm għad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, kif ukoll għal informazzjoni oħra rilevanti komunikata mill-Kummissjoni, li jippermettilu jippreżenta evidenza li tiċħad jew li tikkompleta l-fatti indikati fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014. Saint Vincent u l-Grenadini ġie żgurati dwar id-dritt tiegħu li jitlob, jew li jipprovdi, informazzjoni addizzjonali.
- (9) Bid-Deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Diċembru 2014 u bl-ittra tagħha, il-Kummissjoni fetħet proċess ta' dialogu ma' Saint Vincent u l-Grenadini u enfażizzat li kienet tqis li fil-prinċipju perjodu ta' sitt xhur huwa suffiċjenti biex jintlaħaq ftehim.
- (10) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa. Il-kummenti bil-fomm u bil-miktub li tressqu minn Saint Vincent u l-Grenadini wara d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ġew ikkunsidrati u meqjusa. Saint Vincent u l-Grenadini nżamm infurmat, bil-fomm jew bil-miktub, dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kummissjoni.
- (11) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li l-oqsma ta' tħassib u n-nuqqasijiet kif deskritti fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 ma kinux ġew indirizzati b'mod suffiċjenti minn Saint Vincent u l-Grenadini. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri tal-pjan ta' azzjoni ma kinux ġew implimentati bis-sħiħ. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/918 <sup>(1)</sup>, li tidentifika lil Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.
- (12) Abbażi tal-proċeduri ta' investigazzjoni u ta' dialogu mwettqa mill-Kummissjoni, inkluża l-korrispondenza li ġiet skambjata u l-laqgħat li saru, r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/918, huwa xieraq li Saint Vincent u l-Grenadini jitqiegħed fil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.
- (13) Skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament IUU, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jneħħi pajjiż terz mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx jekk dak il-pajjiż terz juri li s-sitwazzjoni li wasslet biex dan jiġi inkluż fil-lista tkun ġiet rettifkata. Deċiżjoni ta' tneħħija għandha tikkunsidra wkoll jekk il-pajjiż terz ikkonċernat identifikat ħaż miżuri konkreti li jistgħu jiksbu titjib tas-sitwazzjoni li jdum fit-tul.

## 2. L-IDENTIFIKAZZJONI TA' SAINT VINCENT U L-GRENADINI BĦALA PAJJIŻ TERZ LI MA JIKKOOPERAX

- (14) Fid-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni analizzat id-dmirijiet ta' Saint Vincent u l-Grenadini u evalwat il-konformità tiegħu mal-obbligi internazzjonali tiegħu bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq. Għall-fini ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni qieset il-parametri elenkati fl-Artikolu 31(4) sa (7) tar-Regolament IUU.
- (15) Il-Kummissjoni rvediet il-konformità ta' Saint Vincent u l-Grenadini b'mod allinjat mal-konklużjonijiet tad-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014, u wara li kkunsidrat l-informazzjoni rilevanti pprovduta minn Saint Vincent u l-Grenadini f'dak ir-rigward, il-pjan ta' azzjoni ssuġġerit, u l-miżuri meħuda biex is-sitwazzjoni tiġi rettifkata.
- (16) In-nuqqasijiet ewlenin identifikati mill-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni ssuġġerit kienu relatati ma' diversi nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-obbligi taħt id-dritt internazzjonali, marbuta b'mod partikolari: man-nuqqas tal-adozzjoni ta' qafas legali adegwat; man-nuqqas ta' sistema adegwata u effiċjenti ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza; man-nuqqas ta' skema ta' osservaturi; u man-nuqqas ta' sistema ta' sanzjonijiet ta' deterrent. B'mod aktar ġenerali, nuqqasijiet oħra identifikati jikkonċernaw il-konformità mal-obbligi internazzjonali, inkluż rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd u l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti skont id-dritt internazzjonali. Ġie identifikat ukoll nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet minn korpi rilevanti bħall-Pjan Internazzjonali ta' Azzjoni Kontra s-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat, u mal-Linji Gwida Volontarji dwar il-Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera, it-tnejn tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti. Madankollu, in-nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjonijiet u riżoluzzjonijiet mhux vinkolanti tqies biss bħala prova ta' sostenn u mhux bħala bażi għall-identifikazzjoni.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/918 tat-23 ta' Mejju 2017 li tidentifika lil Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 139, 30.5.2017, p. 70).

- (17) Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/918, il-Kummissjoni identifikat lil Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont ir-Regolament IUU.
- (18) Fir-rigward tar-restrizzjonijiet possibbli fuq Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp għandu jiġi nnutat li l-istatus tal-iżvilupp u l-prestazzjoni globali ta' Saint Vincent u l-Grenadini rigward il-ġestjoni tas-sajd mhumiex imdgħajfin minħabba l-livell ġenerali ta' żvilupp tiegħu.
- (19) Wara li ġew ikkunsidrati d-Deċiżjoni tat-12 ta' Diċembru 2014 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/918, u l-proċess ta' djalogu ma' Saint Vincent u l-Grenadini li sar mal-Kummissjoni u l-eżitu ta' dak il-proċess, jista' jiġi konkluż li l-azzjonijiet meħuda minn Saint Vincent u l-Grenadini fid-dawl tal-obbligi tiegħu bħala Stat tal-bandiera huma insuffiċjenti biex ikun hemm konformità mal-Artikoli 63, 64, 91, 94 u 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, mal-Artikoli 7, 18, 19, 20 u 23 tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatati mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, u mal-Artikolu III(8) tal-Ftehim għall-promozzjoni tal-konformità mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni mill-bastimenti tas-sajd fl-ibħra miftuħa.
- (20) B'hekk, Saint Vincent u l-Grenadini naqas milli jaqdi l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali bħala Stat tal-bandiera biex jieħu azzjoni sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU.

### 3. STABILIMENT TA' LISTA TA' PAJJIŻI TERZI LI MA JIKKOOPERAWX

- (21) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa hawn fuq fir-rigward ta' Saint Vincent u l-Grenadini, dak il-pajjiż għandu jiġi inkluż, skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, fil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE. Għalhekk, dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni għandha tiġi emendata skont dan.
- (22) L-inklużjoni ta' Saint Vincent u l-Grenadini fil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU tinvolvi l-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38 tar-Regolament IUU. L-Artikolu 38(1) tar-Regolament IUU jipprevedi l-projbizzjoni tal-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx. Fil-każ ta' Saint Vincent u l-Grenadini, dik il-projbizzjoni għandha tkopri l-istokkijiet u l-ispeċijiet kollha, jiġifieri l-prodotti tas-sajd kollha kif definit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament IUU, billi n-nuqqas ta' miżuri xierqa adottati fir-rigward tas-sajd IUU li jwasslu għall-identifikazzjoni ta' Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax mhux limitat għal stokk jew għal speċi partikolari.
- (23) Huwa nnutat li s-sajd IUU, *inter alia*, jeżawrixi l-istokkijiet tal-ħut, jeqred il-ħabitats tal-baħar, għandu effetti negattivi fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, ifixkel il-kompetizzjoni, jipperikola s-sigurtà tal-ikel, iqiegħed lis-sajjeda onesti fi żvantaġġ inġust, u jdgħajjef il-komunitajiet kostali. Fid-dawl tal-kobor tal-problemi relatati mas-sajd IUU, huwa meqjus bħala neċessarju li l-Unjoni timplementa malajr l-azzjonijiet fir-rigward ta' Saint Vincent u l-Grenadini bħala pajjiż terz li ma jikkooperax. Bħala konsegwenza, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (24) Jekk Saint Vincent u l-Grenadini juri li s-sitwazzjoni li tat lok għall-inklużjoni tiegħu fil-lista tkun ġiet rettifikata, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jneħħi lil Saint Vincent u l-Grenadini mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament IUU. Kwalunkwe tali deċiżjoni ta' tneħħija għandha tqis ukoll jekk Saint Vincent u l-Grenadini ħax miżuri konkreti biex ikun jista' jinkiseb titjib tas-sitwazzjoni li jdum fit-tul,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

“Saint Vincent u l-Grenadini” huwa b'dan miżjud fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
T. TÖNISTE

---